2026/1788

24.7.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1788

tat-23 ta' Lulju 2026

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti elementi tal-irbit tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-importazzjonijiet ta' ċerti elementi tal-irbit tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina huma soġġetti għal dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/191 ([2]).

(2) Żewġ kodiċijiet TARIC ([3]) 7318 22 00 31 u 7318 22 00 95, "ikkonsenjati mill-Malażja," li joriġinaw minn investigazzjoni preċedenti kontra ċ-ċirkomvenzjoni li tikkonċerna l-istess prodott kellhom jingħalqu meta l-miżuri anti-dumping skadew fit-28 ta' Frar 2016.

(3) Dawk il-kodiċijiet inżammu bi żball fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191 u d-dazji anti-dumping ilhom mill-2022 jinġabru mingħajr bażi legali valida. Għaldaqstant, kull tali dazju li nġabar jenħtieġ li jitħallas lura skont il-leġiżlazzjoni doganali applikabbli.

(4) Il-Kummissjoni eżaminat il-każ u kkonkludiet li l-kodiċijiet jenħtieġ li jitħassru mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191.

(5) Għaldaqstant, it-tħassir tal-kodiċijiet jenħtieġ li jsir b'mod retroattiv u jenħtieġ li jidħol fis-seħħ mit-18 ta' Frar 2022, li hija d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191.

(6) Għal dawk ir-raġunijiet, huwa xieraq li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191 jiġi emendat b'mod li jirrifletti t-tħassir taż-żewġ kodiċijiet TARIC.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Dazju anti-dumping definittiv huwa impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti elementi tal-irbit tal-ħadid jew tal-azzar, għajr tal-azzar inossidabbli, jiġifieri viti tal-injam (eskluži coach screws), viti self-tapping, viti oħrajn u boltijiet bl-irjus (bl-iskorfini jew bil-woxers tagħhom jew mingħajrhom, iżda eskluži viti u boltijiet għall-irbit ta' materjal tal-kostruzzjoni ta' binarji tal-ferrovija), u woxers li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, attwalment ikklassifikati taħt il-kodiċijiet NM 7318 12 90, 7318 14 91, 7318 14 99, 7318 15 58, 7318 15 68, 7318 15 82, 7318 15 88, ex 7318 15 95 (Kodiċijiet TARIC 7318 15 95 19 u 7318 15 95 89), ex 7318 21 00 (Kodiċijiet TARIC 7318 21 00 31, 7318 21 00 39, 7318 21 00 95 u 7318 21 00 98) u ex 7318 22 00 (Kodiċijiet TARIC 7318 22 00 39 u 7318 22 00 98)."

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/191 tas-16 ta' Frar 2022 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq ċerti elementi tal-irbit tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 36, 17.2.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/191/oj).
([3]) It-Tariffa Integrata tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Kwalunkwe dazju definittiv imħallas skont l-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191 fuq importazzjonijiet ta' prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet TARIC 7318 22 00 31 u 7318 22 00 95 għandu jitħallas lura f'konformità mal-leġiżlazzjoni doganali applikabbli.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-18 ta' Frar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN